**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 20 ta' Novembru 2018**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Carol Fabri)**

**Vs**

**JOSEPH SALIBA**

**KUMP NRU 89/2014**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat**, JOSEPH SALIBA** detentur tal-karta tal-identita numru 359447M gie akkuzat talli:

1. Fis-26 ta' Mejju 2011 ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghodu (07:30hrs), f'Misrah Mattia Preti Zurrieq, b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunajt il-mewt ta' Guzeppa Farrugia miz-Zurrieq.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija gentilment mitluba li tiskwalifika lill-imputat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidrilha xieraq.
Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tat-30 ta' Novembru 2015 (ara *folio* 120) u l-kunsens tal-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara folio 133)

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Illi rrizulta f'dan il-kaz li fid-data, lok u hin tal-incident Joseph Saliba kien qed jipprova jdawwar u jimmanuvra l-vettura b'velocita verament baxxa sabiex isib post fejn jipparjka. F'dan il-waqt partikolari l-anzjana Giuseppa Farrugia bdiet taqsam u kien f'dan il-mument li ntlaqtet bil-genb tal-vettura misjuqa mill-imputat li dak il-hin kien qieghed isuq b'lura. B'dan l-impatt, anke jekk kien impatt verament zghir, Giuseppa Farrugia giet zbilancjata u waqghet u habtet rasha mal-art. B'din il-waqgha Giuseppa Farrugia sofriet griehi gravi u eventwalment tilfet hajjitha.

Il-Qorti qieset ir-rizultanzi processwali kollha partikolarment ir-rapport tal-espert nominat Mario Buttigieg liema rapport gie pprezentat fl-inkjesta relattiva. Fl-istess rapport l-espert nominat jaghmel referenza ghall-kodici tat-traffiku u partikolarment ghall-attenzjoni li ghandu jaghti *pedestrian* meta jigi biex jaqsam minn pozizzjoni ghal ohra fit-triq u, ghall-attenzjoni li ghandu jaghti sewwieq ta' vettura meta jkun qieghed ireggha b'lura.

Illi dawn ir-rizultanzi processwali ma jhallu ebda dubju f'mohh din il-Qorti illi dan l-incident – definittivament incident sfortunat kemm ghall-imputat u aktar u aktar ghall-anzjana Giuseppa Farrugia – u dan qed jinghad peress li l-imputat kien qed isuq bil kemm jimxi - sehh principalment minhabba li fil-mument krucjali l-imputat ma zammx dik il-*proper look out* mehtiega minnu meta kien qieghed ireggha b'lura, izda wkoll minhabba fatt kontributorju da parti ta' Giuseppa Farrugia meta din giet biex taqsam.

Dawn il-fatti rizultanti gabu lill-imputat passabbli ghar-reat addebitat fuq livell tekniku.

**Ikkunsidrat;**

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ahjar sanzjoni applikabbli f'dan il-kaz din il-Qorti ma tista qatt tnehhi mill-perspettiva illi hawn si tratta ta' telfien tal-hajja. Izda Qorti ta' Gustizzja Kriminali ma tista qatt ukoll titlef mill-perspettiva taghha il-fatti kollha li jkunu jirrizultaw fil-kaz li jkun.

F'dan il-kaz certament ma rrizultax li kien hemm xi velocita - anzi ghall-kuntrarju l-imputat kien qieghed ireggha lura verament bil-mod. Ghalhekk zgur qatt ma rrizulta f'dan il-kaz li dan l-incident kien xi rizultat ta' xi ksuhat da parti tas-sewwieq. L-imputat baqa trawmattizat b'dak

li gara ghax qatt ma basar li fl-eta tieghu kien ser ikollu jgorr, kif jghid il-Malti il-piena f'qalbu, li persuna tilfet hajjitha minhabba fih. Tibqa timmerita attenzjoni il-kontributorjeta ghal dan l-incident da parti ta' Giuseppa Farrugia.

**Konkluzjoni**

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 225(1) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Joseph Saliba hati tal-imputazzjoni kif migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` sitt (6) xhur izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` sentjen mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija; kif ukoll ghall-piena tal-multa fis-somma komplessiva ta` hames mitt euro (€500).**

**Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil Joseph Saliba fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost tal-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hati sabiex ihallas lir-Registratur l-ispejjez tal-esperti/periti skond il-ligi. Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur